# Gwida dwar ir-Rapportaġġ skont il-Ftehim dwar id-Djalogu Soċjali fuq is-Silika - Dejta tar-Rapportaġġ tal-Utenti -

## I. INTRODUZZJONI

Id-Djalogu Soċjali Ewropew "Ftehim dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa tal-Ħaddiema permezz tal-Immaniġġjar Tajjeb u l-Użu tas-Silika Kristallina u Prodotti li Jinkluduha" (Ftehim SDA) kien iffirmat f'April 2006 mir-rappreżentanti fuq livell Ewropew ta' Ħaddiema u ta' Min Iħaddem f'14-il settur industrijali: Aggregati, Industrija tas-Siment, Industrija taċ-Ċeramika, Funderiji, Industrija tal-Ħġieġ – ħġieġ għall-ippakkjar, ħġieġ ċatt u ħġieġ speċjali – Industriji tal-Minerali Industrijali u tal-Minerali Metalliferi, Suf Minerali, Industrija tal-Ġebel Naturali, Industrija tat-Tajn u l-Industrija tal-Konkos Precast. F'Ġunju 2009, is-settur tal-Industrija tat-Tafal Imwassa' ffirmat l-ftehim li issa jirrappreżenta 15-il settur industrijali

Il-firmatarji (16-il Assoċjazzjoni Kummerċjali u 2 Federazzjonijiet tal-Unjons) qablu li informazzjoni kwantitattiva fuq l-applikazzjoni tal-Ftehim fi ħdan kull wieħed mis-setturi li jirrappreżentaw, ser tinġabar għall-ewwel darba fl-2008 u kull sentejn minn hemm 'il quddiem.

Din l-informazzjoni ser **tinġabar fuq livell ta' sit u tkun ikkonsolidata f'rapporti dwar is-settur firmatarju tal-UE** biex jifformaw l-bażi għal Rapport tas-Sommarju NEPSI indirizzat lill-lill-Kummissjoni Ewropea.

## II. GWIDA ĠENERALI DWAR IR-RAPPORTAĠĠ

Is-sistema ta' rapportaġġ onlajn tippermettilek li tipprovdi informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim fuq is-sit tiegħek taħt seba' taqsimiet differenti, wara Anness 3, il-format tar-Rapportaġġ mill-Ftehim SDA (ara wkoll hawn taħt).

Mid-dejta li ddaħħal f'taqsimiet 1 sa 6, sett ta' Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs) ser ikunu kkalkulati awtomatikament biex, per eżempju, jindikaw il-perċentwali ta' **ħaddiema li huma potenzjalment esposti għal Silika Kristallina Respirabbli** (RCS) li huma koperti mill-Ftehim fis-sit tiegħek.

NEW Ir-rimarki u l-ispjegazzjonijiet jistgħu jiġu inklużi f'taqsima separata fejn tikteb imsejħa "*Mistoqsijiet Volontarji".*

Ir-rapportaġġ isir fuq livell ta' sit, fejn id-dejta tas-sit trid tkun tingħata mis-sit jew minn xi ħadd li jaġixxi għan-nom tas-sit sa mhux aktar tard mill-**15 ta' Marzu** ta' kull sena tar-rapportaġġ, ħlief jekk tkun irċevejt struzzjonijiet għal data tal-għeluq iktar bikrija. Id-dejta tiegħek imbagħad ser tkun ikkonsolidata (kombinata) f'livelli differenti (eż. fuq livell ta' kumpanija, imbagħad fuq livell nazzjonali) u finalment fuq livell Ewropew, sabiex tinżamm il-kunfidenzjalità.

Ir-rapportaġġ għandu jsir fuq il-bażi ta' informazzjoni miġbura għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Ftehim.

Jekk inti ċert li s-silika kristallina ma tkunx preżenti jew iġġenerata (f'forma respirabbli) fis-sit tiegħek, xorta għandek timla r-rapport għall-2012, imma b'mod simplifikat. L-unika ħaġa li għandek tagħmel hu li tikteb "0" taħt l-intestatura Riskju ta' Espożizzjoni, u tipprovdi nota ta' spjegazzjoni fil-free text box Mistoqsijiet Volontarji 'Xi kummenti oħrajn'. Għal din il-kategorija ta' sit, l-ebda rapportaġġ addizzjonali mhu ser ikun meħtieġ ħlief jekk iseħħ tibdil fl-operazzjonijiet.

Biex tevalwa jekk is-silika kristallina hix preżenti jew qed tiġi ġġenerata, tista' tuża l-proċedura tal-evalwazzjoni inizjali deskritta fil-Gwida ta' Prattiċi Tajbin, Kapitlu 4 dwar l-Immaniġġjar tar-Riskju, Mistoqsija 1, p. 17 (cf. http://www.nepsi.eu/good-practice-guide.aspx)

Għall-pajjiżi kollha ta' l-UE, il-leġislazzjoni nazzjonali tieħu preċedenza fuq il-Ftehim. Jekk dan jikkawża problemi tar-rapportaġġ, dan jista' jiġi spjegat fil-Mistoqsijiet Volontarji, fil-kaxxa free text 'Xi kummenti oħrajn' fl-aħħar tal-kwestjonarju tar-Rapportaġġ.

Nota: Jekk is-sit ikun jinkludi attivitajiet koperti minn iktar minn wieħed mill-15-il settur industrijali, allura r-rapport għandu jiġi sottomess lis-settur li jirrappreżenta l-attività ewlenija fuq is-sit. Madankollu, ir-rapport għandu jindirizza l-ħaddiema kollha fis-sit.

## III. KIF TUŻA S-SISTEMA U TIMLA D-DEJTA

Id-dħul fis-sistema jsir permezz ta' hyperlink u Numru ta' Identifikazzjoni Personali (PIN) li jintbagħtu lilek mir-reġistratur tiegħek (wisq probabbli l-kumpanija tiegħek jew assoċjazzjoni kummerċjali) permezz ta' 2 emejls separati.

NEW **Jekk qabel kont irreġistrat/a, għandek tuża l-istess Link u PIN bħas-snin ta' qabel. Huwa possibbli li titlob lir-reġistratur biex jerġa' jibgħathomlok.**

NEW **RAPPORTI TA' SITI MULTIPLI U TA' SITI SINGOLI**

**Fil-LIVELL TA' KUMPANIJA**

Hija l-preferenza u r-rakkomandazzjoni ta' NEPSI (li tkun konformi għal kollox mal-Ftehim tad-Djalogu Soċjali Ewropew) li kull sit jiġi rrapportat separatament. Madankollu, biex tagħmel ir-rapportaġġ aktar faċli, hemm żewġ għażliet addizzjonali fil-livell ta' Kumpanija.

- **Għażla preferuta – Rappurtar ta' kull sit separatament**. L-aċċess għall-panil ta' kontroll tal-livell tas-SITE jinkiseb minn siti individwali bl-użu tal-Link u l-PIN tagħhom stess. Dawn jintbagħtu bl-użu tal-buttuna editja/irreġistra tal-membri – jekk jogħġbok irreferi għall-Gwida għall-membri li ma jirrappurtawx direttament.

- Jekk bħala KUMPANIJA għandek sit wieħed biss tista' tirrapporta direttament mill- panill tal-kontroll tal-livell tal-Kumpanija - inti għandek tagħżel **"Irrapporta Sit Uniku"**. Jekk int irreġistrajt qabel xi sit jew siti ser tintalab tħassarhom. Dan mhux ser jaffettwa r-rappurtar tas-sena ta' qabel u ladarba ma jkun hemm l-ebda siti individwali rreġistrati inti ser titħalla tkompli u tikseb aċċess dirett għall-formola tar-Rapport. Ara hawn taħt għall-istruzzjonijiet sabiex twieġeb il-mistoqsijiet.

- Il-kumpaniji sejrin jiġu offruti wkoll l-għażla li "**Jirrapportaw Siti Multipli**". Dan jippermettilek li tirrapporta d-dejta aggregata għal numru ta' siti. Inti ser tiġi offrut/a l-opportunità li tħassar xi wħud jew id-dettalji kollha ta' kuntatt ta' siti li inti kont irreġistrajt preċedentament. Huwa possibbli li tuża din l-għażla jekk ikollok xi siti li inti tixtieq tirrapporta bħala grupp u xi oħrajn li tixtieq tirrapporta individwalment, bl-użu tas-sistema tal-Link u l-PIN individwali. Għandu jiġi nnotat li inti jista' jkollok biss rapport uniku ta' sit multipli għal kull kumpanija. Jekk jogħġbok innota li din l-għażla mhijiex l-għażla rakkomandata f'konformità mal-Ftehim għad-Djalogu Soċjali Ewropew iżda ġiet maħsuba għall-faċilità tal-użu.

  Jekk inti tagħżel l-għażla "Irrapporta Siti Multipli", sejra tidher kaxxa fejn timmarka sabiex tikkonferma li għalkemm inti timla rapport wieħed ta' aggregazzjoni tad-dejta għal diversi siti, jekk tintalab mir-reġistratur tiegħek inti taqbel li tidentifika s-siti individwali, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(4) tal-Ftehim għad-Djalogu Soċjali Ewropew (ESDA) fuq Silica. Ladarba dan jiġi rikonoxxut inti tkun tista' timxi għall-formula ta' rappurtar ta' Siti Multipli, li hija simili għall-formula ta' rappurtar ta' sit uniku ħlief għaż-żieda ta' mistoqsija unika fejn inti tintalab li tidentifika kemm hemm siti inklużi fir-rapport.

Istruzzjonijiet qosra u interpretazzjoni huma pprovduti f'kull taqsima tas-sistema ta' rappurtar *online*.

Ladarba tagħmel l-għażla tiegħek, fis-sistema ser ikollok aċċess għall-Pannell tal-Kontroll tas-sit. Minn hemmhekk inti tista':

- Tibdel id-dettalji tiegħek: tibdel ismek u/jew l-emejl tiegħek. Ir-reġistratur tiegħek ser ikun avżat dwar din il-bidla.
- Tirrifjuta l-istedina: tirrifjuta t-talba biex tirrapporta, jekk per eżempju inti diġà rrappurtajt lil xi ħaddieħor. Ir-reġistratur tiegħek ser ikun avżat biċ-ċaħda tiegħek u jista' jikkuntattjak. Jekk tirċievi żewġ stediniet (eż. Jekk is-sit jappartjeni lil żewġ setturi jew assoċjazzjonijiet differenti), trid tirrifjuta waħda minnhom.
- Tibda r-Rapportaġġ: tibda timla d-dejta tiegħek
- Tistampa kwestjonarju vojt (eż. biex tiġbor id-dejta tiegħek abel ma timla l-formola)
- Tibgħat emejl lir-reġistratur tiegħek

Billi tikklikkja "Ibda r-Rapportaġġ", inti ser tkun mistoqsi biex timla d-dejta għal kull waħda mill-mistoqsijiet taħt is-7 taqsimiet t'hawn taħt:
Istruzzjonijiet qosra u interpretazzjoni huma pprovduti f'kull taqsima fis-sistema ta' rapportaġġ onlajn.

## Taqsima 1 minn 7: Tagħrif Ġenerali dwar is-Sit

### 1. Numru ta' Ħaddiema rrappurtati

Indika n-numru totali ta' ħaddiema li jkunu qed jaħdmu fis-sit (eż. fil-31 ta' Diċembru, 2009), kif definit f'Artikolu 3.2 tal-Ftehim – (ara http://www.nepsi.eu/agreement.aspx) li jinkludi staff amministrattiv, ħaddiema part-time u b'terminu fiss, eċċ. M'hemmx bżonn li tinkludi l-kuntratturi.

NEW L-impjegati tal-kwartieri ġenerali għandhom jiġu inklużi (il-kwartieri ġenerali jistgħu jiġu rreġistrati mill-Kumpanija bħala "sit" separat).

## Taqsima 2 minn 7: Riskju ta' Espożizzjoni

### 2. Numru ta' ħaddiema potenzjalment esposti għas-silika kristallina respirabbli

Indika, minn fost in-numru totali ta' ħaddiema li jkunu jaħdmu fis-sit kif deskritt hawn fuq f'Taqsima 1, in-numru ta' ħaddiema li huma potenzjalment esposti għal RCS (Silika Kristallina Respirabbli) minn proċessi industrijali. NEW

It-tweġiba tiegħek għal din il-mistoqsija għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultat tal-"evalwazzjoni inizjali" kwalitattiva mfissra f'Parti I, Kapitolu 4, Mistoqsija 1, paġna.17 tal-Gwida ta' Prattiċi Tajbin jew proċedura oħra ekwivalenti ta' evalwazzjoni. Innota li ħaddiema li huma potenzjalment suġġetti għal espożizzjoni żgħira, perjodi qosra ta' espożizzjoni jew li huma diġà suġġetti għal miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni, għandhom jiġu inklużi. Il-ħaddiema xorta għandhom jiġu kkunsidrati bħala li huma potenzjalment esposti anki jekk il-kontenut tat-trab tas-silika trab fl-arja fuq il-post tax-xogħol ikun taħt l-ammont tal-limitu nazzjonali, jew jekk il-ħaddiema jkunu protetti minn PPE.

NEW L-impjegati potenzjalment esposti jistgħu jinkludu, pereżempju, ħaddiema tal-manutenzjoni, ħaddiema tat-trasport, impjegati f'laboratorji interni, receptionists, maniġers tas-saħħa u s-sigurtà, impjegati tal-uffiċċju fis-sit, eċċ.

Il-monitoraġġ ta' espożizzjoni personali mhuwiex meħtieġ biex twieġeb din il-mistoqsija għax din tirrigwarda l-espożizzjoni potenzjali minħabba l-preżenza ta' partikoli fini ta' silika kristallina fuq is-sit (mhux il-livell attwali espożizzjoni riċevuta).

## Taqsima 3 minn 7: Evalwazzjoni tar-Riskju u Monitoraġġ tat-Trab

### 3. Numru ta' Ħaddiema koperti mill-evalwazzjoni tar-riskju

Minn fost in-numru ta' ħaddiema li huma potenzjalment esposti għal RCS (Taqsima 2), ikteb in-numru ta' ħaddiema li għalihom il-proċedura tal-"Evalwazzjoni ta' Espożizzjoni Personali" ipprovduta f'Parti I, Kapitolu 4, "Mistoqsija 2" tal-Gwida dwar Prattiċi Tajbin (u/jew provvediment nazzjonali ekwivalenti) tkun tlestiet. Idealment, dan in-numru għandu jkun l-istess bħan-numru ta' ħaddiema li huma potenzjalment esposti għal RCS.

Jekk jogħġbok indika fil-kaxxi Mistoqsijiet Volontarji jekk qed tapplika proċedura tal-evalwazzjoni tar-riskju taħt il-provvedimenti nazzjonali.

NEW Innota li fejn il-valutazzjonijiet tar-riskju jitwettqu perjodikament (pereżempju kull sentejn) imbagħad, sakemm il-monitoraġġ tal-valutazzjoni tar-riskju ma jkunx suppost diġà sar u ma jkun hemm ebda bidla fil-proċessi, fil-materjali użati jew fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, inti tista' tiddikjara li l-impjegati huma koperti anki jekk ma tkun reġgħet saret ebda valutazzjoni tar-riskju matul il-perjodu tar-rapportaġġ.

### 4. Numru ta' ħaddiema koperti mill-monitoraġġ tal-espożizzjoni

Minn fost in-numru ta' ħaddiema li huma potenzjalment esposti għal RCS (Taqsima 2), ikteb in-numru ta' ħaddiema li għalihom ikun hemm dejta disponibbli dwar il-monitoraġġ tal-espożizzjoni għat-trab.

Innota li jekk kampjun rappreżentattiv ta' ħaddiema fi ħdan funzjoni ta' xogħol ikun immonitorjat, allura tista' tiddikjara li l-ħaddiema kollha fi ħdan dik il-funzjoni ta' xogħol huma koperti (mhux meħtieġ li kull ħaddiem individwali jkun libes it-tagħmir tal-kampjun).

NEW Innota li fejn il-kampanji ta' monitoraġġ tal-espożizzjoni jitwettqu perjodikament (pereżempju kull sentejn) imbagħad, sakemm il-programm ta' monitoraġġ ma jkunx suppost diġà sar, inti tista' tiddikjara li l-impjegati huma koperti anki jekk ma jkun sar l-ebda monitoraġġ matul il-perjodu tar-rapportaġġ.

Għal gwida dwar il-monitoraġġ tat-trab, ara Anness 2 tal-Ftehim: "Protokoll tal-Monitoraġġ tat-Trab".

**5. Numru ta' ħaddiema b'evalwazzjoni tar-riskju li jeħtieġu sorveljanza tas-saħħa għas-silikosi**

Minn fost in-numru ta' ħaddiema li huma potenzjalment esposti għal RCS (Taqsima 2), ikteb in-numru ta' ħaddiema li għalihom ir-riżultati ta' evalwazzjoni tar-riskju kienet tindika li huma għandhom ikunu suġġetti għall-Protokoll dwar is-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi, ipprovdut f'Anness 8 tal-Ftehim (arahttp://www.nepsi.eu/agreement.aspx).

## Taqsima 4 minn 7: Sorveljanza tas-Saħħa

**6. Numru ta' ħaddiema koperti minn protokoll ġeneriku ta' sorveljanza tas-saħħa**

Minn fost in-numru ta' ħaddiema li huma potenzjalment esposti għal RCS (Taqsima 2), ikteb in-numru ta' ħaddiema li bħalissa qed issirilhom sorveljanza **ġenerika** tas-saħħa (eż. taħt impenji tal-kumpanija jew leġislazzjoni nazzjonali). Din il-linja hi sempliċiment biex tikkomunika n-numru ta' Ħaddiema koperti minn sorveljanza tas-saħħa anki għal nies li mhumiex esposti għal livelli sinifikanti ta' RCS.

Mhux ser tkun tista' tikteb numru ogħla min-numru ta' ħaddiema li huma potenzjalment esposti għal RCS. Madankollu, jekk fil-każ tiegħek din il-figura tkun ogħla min-numru ta' ħaddiema li huma potenzjalment esposti għal RCS, jekk jogħġbok indikaha fil-kamp Mistoqsijiet Volontarji..

**7. Numru ta' ħaddiema koperti minn protokoll ta' sorveljanza tas-saħħa għas-silikosi**

Minn fost in-numru ta' ħaddiema li huma potenzjalment esposti għal RCS (Taqsima 2), ikteb in-numru ta' ħaddiema li bħalissa qed issirilhom Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi **speċifika**. Għal gwida, irreferi għall-Protokoll ipprovdut f'Anness 8 tal-Ftehim (ara http://www.nepsi.eu/agreement.aspx), u innota li, skont ir-rekwiżiti lokali u l-aħjar prattika medika, protokoll ta' sorveljanza tas-saħħa validu għas-silikosi mhux dejjem ikun jeħtieġ l-użu ta' rutina ta' x-rays tas-sider.

Mhux ser tkun tista' tikteb numru ogħla min-numru ta' ħaddiema li huma potenzjalment esposti għal RCS. Madankollu, jekk fil-każ tiegħek din il-figura tkun ogħla min-numru ta' ħaddiema li huma potenzjalment esposti għal RCS, jekk jogħġbok indika dan fil-kamp Mistoqsijiet Volontarji.

## Taqsima 5 minn 7: Taħriġ

**8. Numru ta' ħaddiema koperti minn tagħrif, istruzzjoni u taħriġ dwar il-Prinċipji Ġenerali**

Minn fost in-numru ta' ħaddiema li huma potenzjalment esposti għal RCS (Taqsima 2), ikteb in-numru ta' ħaddiema li bħalissa huma pprovduti b'informazzjoni, istruzzjonijiet u taħriġ fuq il-Prinċipji Ġenerali dwar il-Prevenzjoni kif spjegat fil-qosor f'Kapitlu 4 ta' Parti I tal-Gwida dwar Prattiċi Tajbin annessa mal-Ftehim (u definiti fid-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE, disponibbli fuq it-taqsimiet tan-Netwerk Ewropew tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol – OSHA– http://osha.europa.eu/OSHA).

NEW Innota li fejn kien ipprovdut taħriġ fil-passat u mbagħad jingħata taħriġ ta' aġġornament perjodikament (pereżempju kull sentejn jew tliet snin), sakemm it-taħriġ ta' aġġornament ma jkunx suppost diġà sar, inti tista' tiddikjara li l-impjegati huma pprovduti b'taħriġ anki jekk dan ma kienx ipprovdut matul il-perjodu tar-rapportaġġ.

Tipikament, l-informazzjoni tirreferi għal avviżi, fuljetti, u sinjali pprovduti fuq il-post tax-xogħol. Istruzzjonijiet ifissru komunikazzjoni verbali jew bil-miktub dwar il-mod kif għandek tipproċedi. It-taħriġ hu tagħlim interattiv.

**9. Numru ta' ħaddiema koperti mit-tagħrif, istruzzjoni u taħriġ dwar il-Folji tax-Xogħol**

Minn fost in-numru ta' ħaddiema li huma potenzjalment esposti għal RCS (Taqsima 2), ikteb in-numru ta' ħaddiema li bħalissa huma pprovduti b'informazzjoni, istruzzjonijiet u taħriġ fuq il-**Folji tax-Xogħol** f'Parti II tal-Gwida dwar Prattiċi Tajbin annessa mal-Ftehim jew kwalunkwe prattiċi tajbin ekwivalenti (miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni), kif definiti minn Direttiva 89/391/KEE. Jekk jogħġbok indika fil-kaxxa Mistoqsijiet Volontarji jekk inti tapplika prattiċi tajbin ekwivalenti.

NEW Innota li fejn kien ipprovdut taħriġ fil-passat u mbagħad jingħata taħriġ ta' aġġornament perjodikament (pereżempju kull sentejn jew tliet snin), sakemm it-taħriġ ta' aġġornament ma jkunx suppost diġà sar, inti tista' tiddikjara li l-impjegati huma pprovduti b'taħriġ anki jekk dan ma kienx ipprovdut matul il-perjodu tar-rapportaġġ.
It-taħriġ fuq it-*task sheets* jista' jkun kwalunkwe taħriġ li jieħu f'idejh il-prinċipju ġenerali tat-*task sheets*: jekk il-kumpanija żviluppat it-*task sheets* tagħha fuq il-bażi tal-istess prinċipju bħat-*task sheets* tal-Gwida ta' Prattika Tajba ta' NEPSI, f'dak il-każ għandu jitqies li kien ipprovdut taħriġ fuq it-*task sheets*.

Tipikament, l-informazzjoni tirreferi għal avviżi, fuljetti, u sinjali pprovduti fuq il-post tax-xogħol. Istruzzjonijiet ifissru komunikazzjoni verbali jew bil-miktub dwar il-mod kif għandek tipproċedi. It-taħriġ hu tagħlim interattiv.

## Taqsima 6 minn 7: Prattiċi Tajbin

**10. Miżuri tekniċi biex titnaqqas il-ġenerazzjoni/tixrid tas-silika kristallina respirabbli**
Indika jekk miżuri tekniċi (eżempji: il-forniment ta' sistemi ta' ġbir, soppressjoni u trażżin tat-trab) kienux applikati fuq is-sit billi tagħżel "Implimentat" jew "Mhux Implimentat". Jekk l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri tkun għadha għaddejja (i.e. parzjalment lesta), agħżel "Implimentat" u rrapporta din is-sitwazzjoni fit-Taqsima Mistoqsijiet Volontarji (Taqsima 7 minn 7).

Jekk tkun implimentajt il-miżuri fi kwalunkwe ħin qabel dan il-perjodu ta' rapportaġġ, jekk jogħġbok agħżel "Implimentat" Jekk tkun implimentajt miżuri addizzjonali għal dan ir-rigward mill-aħħar rapportaġġ fl-2010, jekk jogħġbok agħżel "Implimentat" u indika l-miżuri addizzjonali fil-kamp Mistoqsijiet Volontarji..

**11. Miżuri organizzattivi**
Indika jekk il-miżuri organizzattivi (eż. il-prattiċi tajbin murija mill-folji tax-xogħol f'Parti II tal-Gwida dwar Prattiċi Tajbin annessa mal-Ftehim) kienux applikati fis-sit billi tagħżel "Implimentat" jew "Mhux Implimentat". Jekk l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri tkun għadha għaddejja (i.e. parzjalment lesta), agħżel "Implimentat" u rrapporta din is-sitwazzjoni fit-Taqsima Mistoqsijiet Volontarji (Taqsima 7 minn 7).

Jekk tkun implimentajt il-miżuri fi kwalunkwe ħin qabel dan il-perjodu ta' rapportaġġ, jekk jogħġbok agħżel "Implimentat" Jekk tkun implimentajt miżuri addizzjonali għal dan ir-rigward mill-aħħar rapportaġġ fl-2010, jekk jogħġbok agħżel "Implimentat" u indika l-miżuri addizzjonali fil-kamp Mistoqsijiet Volontarji.

**12. Distribuzzjoni u użu ta' Tagħmir Protettiv Personali, fejn meħtieġ**
Indika jekk Tagħmir Protettiv Personali (PPE) huwiex imqassam u qed jintuża fis-sit fejn ikun hemm bżonn billi tagħżel "Implimentat" jew "Mhux Implimentat". (Folja tax-Xogħol 2.1.15 tal-Gwida dwar Prattiċi Tajbin tagħti rakkomandazzjonijiet dwar il-PPE)

Jekk tkun qassamt u użajt PPE fi kwalunkwe ħin qabel dan il-perjodu ta' rapportaġġ, jekk jogħġbok agħżel "Implimentat". Jekk tkun implimentajt miżuri addizzjonali f'dan ir-rigward mill-aħħar rapportaġġ fl-2010, jekk jogħġbok agħżel "Implimentat" u indika l-miżuri addizzjonali fil-kamp Mistoqsijiet Volontarji.

## Taqsima 7 minn 7: Mistoqsijiet Volontarji

Il-kaxxi Mistoqsijiet Volontarji 'free text' jippermettulek li tikteb kwalunkwe rimarki rilevanti dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim fuq livell ta' sit u tirrapporta l-implimentazzjoni "għadha għaddejja" (i.e. parzjalment lesta) ta' miżuri tekniċi u organizzazzjonali fis-sit (Taqsima 6).

**13. Mistoqsijiet Volontarji**
Jekk jogħġbok indika fil-kaxxi fejn tikteb:

- Rimarki dwar il-Proċess tar-rapportaġġ;
- Informazzjoni dwar l-istrateġija tiegħek ta' monitoraġġ tal-espożizzjoni (eż. kejl statiku jew personali, metodu ta' paragun mal-limiti nazzjonali)
- Jekk ikun hemm iktar ħaddiema minn dawk irrappurtati taħt Taqsima 1 li kienu suġġetti għal evalwazzjoni tar-riskju/monitoraġġ/taħriġ dwar is-sorveljanza tas-saħħa, speċifika kemm hemm;
- Xi kummenti oħrajn: Fost kummenti oħrajn, jekk inti ċert li s-silika kristallina ma tiġix iġġenerata (f'sura respirabbli) fis-sit tiegħek, jekk tkun ktibt "0" taħt Riskju ta' Espożizzjoni, ipprovdi nota ta' spjega hawnhekk.

NEW Inti tista' wkoll telenka t-*task sheets* tal-Gwida ta' Prattika Tajba ta' NEPSI (jew it-*task sheets* interni tal-kumpanija fuq il-bażi tal-istess prinċipji) li kienu implimentati matul l-aħħar erba' snin

**Once Ġaladarba tkun eżaminajt mill-ġdid ir-rapport tiegħek, agħfas "Ikkonferma", u ma jkunx jista' jsir tibdil. Tista' toħroġ mir-rapportaġġ billi tikklikkja "issejvja l-informazzjoni", iżda jekk jogħġbok innota li f'dak il-każ ir-rapportaġġ ikun ġie ssejvjat iżda mhux ikkonfermat u msakkar. Jekk ma tagħfasx "Ikkonferma", ir-rapport tiegħek ser jiġi kkunsidrat li ma jeżistix.**
**Jekk ikollok bżonn tibdel ir-rapport tiegħek wara li tkun issottomejtu, tista' titlob lill-kumpanija tiegħek biex tiftħu billi tikklikkja "Talba Biex Tiftaħ il-Kwestjonarju" fuq il-Panell tal-Kontroll tiegħek.**

**►►► Gwida bil-PowerPoint hi disponibbli fuq www.nepsi.eu, fit-taqsima "Downloads"**